

# Rajt Tas-Sliema Tinbidel
## U Drawwiet Tal-Imgħoddi

Kitba tar-Rev. Dun Victor Soler



***Dehra ta' Tas-Sliema minn Marsamxett fil-bidu tas-seklu għoxrin, il-koppla tal-Knisja ta' Stella Maris tidher tiddomina fuq il-bini l-ieħor***

Il-poeta Dun Pietru Pawl Grima fil-poezija tiegħu "**Lill Tas-Sliema**" jikteb hekk:

*Kont sbejħa ja xtajta, bejn baħar u baħar*
*Kont tħaddan bix-xtieli u ssewwed il-blat*
*Kont tilma filgħodu fid-dawl tax-xemx tiela*
*Kont tħammar filgħaxija, tax-xemx fil-waqgħat*

*U kbirt dlonk max-xtajta, bil-ħeffa tal-għaġeb*
***U djarek kif kotru, kif żdiedu t-triqat***
***Sirt l-isbaħ belt tagħna, sultana tal-baħar***
*Ghamara ta' l-għonja, tal-fqar, tal-kbarat*

*Ma ftakar li ġmielek ikun iblaħ, fieragħ*
*Jekk int le ma tifirdu bir-rifda tad-din*
*Mela itma fil-**Kewkba, li minnha ħadt ismek***
*Itlobha u hi tagħmel l-uliedek ħenjin.*



Min kien qatt jobsor li fi ftit aktar minn dawn l-aħħar mitejn sena, din l-art kellha tinbidel tant li minn villagg żgħir tas-sajjieda ssir belt moderna. Wara l-imblokk tal-Franċiżi tal-1798 beda tiela l-ewwel ftit bini, djar żgħar għall-villeġġjatura. Ma' dawn beda tiela bini ieħor aktar maestuz bħalma kien il-palazz ta' Hughes Hallet magħruf ukoll bħala Garden Palace kif ukoll Palazza Selina li aktar tard ġie msejjaħ Palazzo Capua.

Ħdejn il-Knisja ta' Ġesù Nazzarenu niftakar li kien hemm ftit bini magħruf bl-isem ta' "Il-Banijiet ta' Dun Oraz". Dawn kienu jikkonsistu f'kamra isfel u oħra fuq. Mill-kamra t'isfel, kont issib tarag li jagħti direttament għall-baħar. Illum dawn twaqqgħu. Il-bini fi Triq Għar il-Lembi kien kollu għall-villeġġjatura kif ukoll id-dawra ta' Triq it-Torri kienet imsebbħa bi djar kbar u lussuzi, llum kollha twaqqgħu sabiex flokhom telgħu blokok ta' appartamenti. Veru ħasra. Meta bdew jinfetħu toroq ġodda f'tas-Sliema, id-djar kienu kollha mibnija b'żewġ sulari. Minn dawn id-djar għad baqa' xi ħaġa f'ċerti toroq. Anke l-galleriji ta' l-injam miżbugħa b'kuluri differenti kienet xi ħaġa sabiħa u karatteristika tat-toroq Maltin.

Fi tfuliti ma kienx hawn daqshekk karozzi fit-toroq u għalhekk ta' tfal li konna, erħilna nilgħabu l-ballun fit-triq u malli jidher xi pulizija, nitilqu niġru biex ma jaqbadniex. Ix-Xatt niftakru idjaq milli hu llum. Meta kien jaħkem il-grigal, il-baħar qawwi kien jitla fuq il-moll u sahansita jidħol fil-ħwienet.

Xieraq hawn ngħid xi ħaġa wkoll kif kienu jiġu ċċelebrati ċerti festi fil-Parroċċa tagħna. Dwar il-Festa Titulari ta' Stella Maris niftakkar li fix-xatt kienet issir il-ġostra li fiha kienu jipparteċipaw ħafna nies u ħafna oħrajn kienu jassistu għaliha. Niftakkar ukoll b'liema solennita kienet tiġi ċċelebrata l-Festa ta' Corpus Christi. Fix-Xatt kienet tintrama tribuna u ċ-ċelebrant kien jitla jpoġġi l-Isfera fuq artal u kienet tingħata l-barka sagramentali. Il-Banda Stella Maris kienet iddoqq innijiet sagri minn fuq palk armat apposta biswit it-tribuna. Kienet tkun xena sabiħa ħafna, bix-xatt miżgħud bin-nies għal din l-okkażjoni. Waqt il-barka kien jinstema t-tisfir tal-laneċ bħala qima u rispett lejn Gesu' Ewkaristija. Minn hemm kienet tkompli l-purċissjoni u fix-Xatt stess, kienet terġa' tingħata barka sagramentali oħra mill-ispiżerija "ta' Biasini" kantuniera ma' Triq Sta. Rita. Fi trieqtha lejn il-knisja, il-purċissjoni kienet tagħmel waqfa oħra fil-kunvent tas-Sorijiet ta' Saint Joseph fi Triq il-Katidral.



*It-Tribuna tal-Barka Sagramentali armata fix-Xatt fil-Festa ta' Corpus Christi*

Il-Festa tal-Qalb ta' Ġesù kienet issir fl-aħħar ta' Ġunju. Filwaqt li l-festa ta' Corpus Domini kienet tkun organizzata mill-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament, il-festa tal-Qalb ta' Gesu kienet fdata f'idejn il-kongregazzjoni tal-Qalb ta' Ġesù u ta' Marija. Għall-ewwel il-purċissjoni kienet tinzel minn Triq Stella Maris u aktar tard bdiet tinzel minn Triq Amery. Malli l-purċissjoni kienet tasal Fond Għadir, kienet issir il-konsagrazzjoni tal-Parroċċa lill-Qalb ta' Ġesù. Din iċ-ċerimonja kienet issir ġewwa Villa Formosa. Din il-Villa llum twaqqgħet ukoll u flokha tela' blokk appartamenti. Din il-manifestazzjoni reliġjuża kienet imponenti ħafna. Kienet tiftaħ bil-kavallerija tal-pulizija segwiti mill-Girl Guides u Boy Scouts. Naturalment kienu jieħdu sehem ukoll il-fratelli tas-Santissimu Sagrament, it-Terzjarji tad-Duluri, il-membri tal-Kongregazzjoni u diversi sacerdoti lebsin il-pjaneta. Magħhom kienu jingħaqdu t-tfal li kienu għadhom kemm għamlu l-Ewwel tqarbina. Dawn kienu jitfgħu l-fjuri b'rispett minn fejn kien ser jgħaddi Gesu Ewkaristija.

Illum minn dan li semmejt ma fadal kwazi xejn. Kollox spiċċa. Naturalment irridu nimxu maż-żmienijiet, iżda dan forsi juri kemm bridna fit-twemmin reliġjuż tagħna. J'Alla nibqgħu ngħożżu u nżommu l-ftit tradizzjonijiet sbieħ li fadlilna u nagħlaq kif bdejt, billi nikkwota dak li kiteb Dun P.P.Grima

"Imma Ftakar li ġmielek ikun iblaħ, Fieragħ
Jekk int tridu bir-rifda tad-Din"